**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 74 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Alan Caruana**

Illum 14 t'Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alan Caruana, ta' 37 sena, bin Raymond u Emanuela nee' Spiteri, imwieled Pieta' fil-05 ta' Gunju 1979, residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 293179 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-14 ta' Dicembru 2016 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew f' dawn il-gzejjer:-

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'

xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli b' hekk sar recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f' kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati ta' l-addebitu tar-recidiva u illiberatu minnha, wara li rat l-Artikolu 33 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-Taqsimiet 4 u 6, u l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta' l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u **ikkundannatu xahar (1) prigunerija**. In oltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **ikkundannat lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €27.35 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti**.[1]

---

[1] Stante li r-rapport ta' Dr Godwin Sammut sar inutilment tenut kont li f' l-oggetti analizzati ma nstabux tracci tas-sustanza, il-Qorti mhux ser tinkludi dawn l-ispejjez ma dawk li ghandhom jithallsu mill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alan Caruana, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 t' Awwissu, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellanti hati tat-tieni imputazzjoni u illiberatu minnha, filwaqt li jitlob li thassara u tannullaha, fil-parti fejn sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat, li ma nstabet l-ebda sustanza illecita fuq l-oggetti li gew elevati mic-cella ta' l-appellanti. Jirrizulta li testijiet li saru fuq foil mahruq u pipa tal-kartun mill-espert Dr. Godwin Sammut, irrizultaw fin negattiv - dan huwa spjegat fir-rapport immarkat bhala Dok GS1, a fol 60 tal-process.

Dan il-punt, u cioe n-nuqqas ta' sejbien ta' sustanza illecita jpoggi l-prosekuzzjoni f' sitwazzjoni ambigwa - kif tista l-Ewwel Onorabbli Qorti tasal ghal konvinciment morali lil' hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellanti kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, meta ma nstabu l-ebda tracci taghha?

Filwaqt li huwa minnu li fl-istqarrija tieghu l-appellanti jistqarr li huwa jaghmel uzu mill-eroina, huwa altrettanto fatt li ma nstabux l-ebda tracci ta' din is-sustanza fuq l-oggetti elevati mic-cella ta' l-appellanti.

Ghalhekk in vista tal-premess, u fin-nuqqas ta' rizultanzi ta' sustanzi illeciti, l-appellanti ma jistax jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellant umilment jirrileva li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqhu kienet wahda eccessiva. Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ser jigi sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

Illi dan qieghed jinghad stante li c-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz juru li l-appellanti ghadda minn trasformazzjoni kompleta minn dipendenza fuq l-eroina ghal cittadin ezemplari, li attwalment huwa impjegat u jirsisti sabiex jaqla' l-hobza ta' kuljum.

Illi dan ikkonfermat mid-deposizzjoni taz-zewg xhieda li gew prodotti mill-appellanti, u cioe' l-Probation Officer Marilyn Attard, li ilha issegwi lil appellanti ghal hames snin u, kif wkoll Dr. Moses Camilleri, li ilu jsegwi lill-appellanti ghal oltre wiehed u ghoxrin sena. Id-deposizzjonijiet ta' tali xhieda jinsabu a fol 87 u a fol 91 tal-process. Minn dawn id-deposizzjonijiet, wiehed ma jistax ma jirrimarkax kif in segwitu ghal snin ta' dipendenza fuq l-eroina, l-appellanti irnexxielu jeghleb il-vizzju u attwalment jinsab ghaddej hajja ezemplari.

Tenut kont tal-premess, tenut kont it-trapass taz-zmien mill-hrug ta' l imputazzjonijet, u l-kambjament pozittiv ta' l-appellanti, hija verament hasra l-imposizzjoni ta' piena karcerarja fuq l-appellanti, liema piena jekk ser tigi fis-sehh, ser tharbat l-avvanzi registrati mill-appellanti.

F' dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza l-Pulizja vs Carmen Butler, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel

Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F' dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina,** deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol, 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin negattiv...*** *Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. George Farrugia:***

*"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalla. Bizzejjed jinghhad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l erbghin sena huna kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap, 152; il-bqija talkundanni, pero' , jinvolvu multi u habs..."Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta-anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

L-esponenti umilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-esponenti jinsab fiha.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja apprezzament ta' fatti u cioe' dwar il-punt illi stante li ma nstabitx droga Eroina fic-cella tal-appellant, u l-foil mahruq u l-pipa tal-kartun li gew elevati mill-istess cella tieghu rrizultaw fin-negattiv ghad-droga, allura dan ma setax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni. L-appellant ghalhekk qed jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi, minghajr dubju dettat mir-raguni, illi dan kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina.

Kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar</u>**[2] w anki kif illum preseduta, *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Zahra</u>** [3]u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Andre Falzon</u>**[4] fejn intqal hekk:

> *Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta' l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkommetta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi*

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id- 29 ta Mejju 2003
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Mejju 2002
[4] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

*d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:*

*"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain** (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni **jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.**[5] "*

*Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-ewwel qorti ma setghetx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li*

---

[5] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

*tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa differenti minn dak sucitat u dan ghaliex l-appellant ma rregistrax ammissjoni izda kkontesta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hekk kif rifless fil-verbal datat l-4 t'April, 2019.[6] Ghalkemm huwa minnu illi ma nstabitx id-droga eroina fic-cella tal-appellant u li l-pipa u l-foil irrizultaw negattivi ghall-istess droga meta analizzati, fl-istqarrija tieghu[7] datata l-14 ta' Dicembru, 2016, l-appellant dakinhar stess li nstabu dawn l-oggetti fic-cella tieghu, jammetti li abbuza mid-droga eroina u sahansitra qal *'Illum wara nofs inhar xis-siegha u nofs jew saghtejn kont wahdi fic-cella u hraqt naqra erojina fuqha u xammejtha.'* Iktar tard stqarr ukoll illi din ma kienitx l-ewwel darba li abbuza mill-Erojina u li xi xahrejn qabel kien abbuza wkoll u kellu kaz separat dwar dan. Fil-bidu tal-istqarrija, mistoqsi jekk riedx ikellem tabib qabel jigi nterrogat, huwa wiegeb fin-negattiv. Oltre minn hekk, fix-xhieda tieghu, PS 1336 Luke Vella Cassia[8] spjega illi hu kien ghalaq l-oggetti li kienu gew elevati go evidence bag u saqsa lill-appellant riedx jiffirma fuqu sabiex jikkonferma li gew issigillati quddiemu u hu qabel li jaghmel dan ukoll.

Ghalkemm jista' jigi argumentat li l-istqarrija tal-appellant ma tirriflettix il-provi li hemm fl-atti, u dan peress li ma nstabu l-ebda tracci ta' sustanza Eroina fuq l-pipa u l-foil, l-istqarrija ta' akkuzat hija meqjusa bhala r-regina tal-prova fil-kamp penali. Fl-istqarrija tieghu l-appellant ammetta bl-iktar mod car illi dakinhar stess kien abbuza mid-droga Eroina u oltre minn hekk qabel li ffirma l-evidence bag li gew issigillati fih l-oggetti elevati mic-cella tieghu! Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju tal-appellant u cioe li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat jew ahjar mhux 'safe and satisfactory.'

Fir-rigward it-tieni aggravju, tajjeb li jigi enfasizzat illi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-

[6] Fol. 11 tal-atti processwali.
[7] Fol. 16 tal-atti processwali.
[8] Fol. 25 tal-atti processwali.

parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[9]:

> '*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[10]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[11] *u ohrajn.)*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[12] il-Qorti rriteniet ukoll li:

> '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

Illi l-appellant instab hati ta' pussess ta' Eroina u li l-piena ghal dan skond l-Artikolu 22(2)(b)(ii) ta' Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta hija ta:

> *priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik ilpriġunerija u multa flimkien,*

Jekk il-Qorti tiddeciedi li tmur fil-minimu u cioe' ghall-multa ta' erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), sussegwentament u talli m'hemmx dubbju illi l-appellant kien prigunier f'cella numru 205 li tinsab f'division 5 tal-Facilita' Korretiva ta' Kordin meta twettaq dan ir-reat, b'applikazzjoni ta' Artikolu 33A ta' Kap.

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[10] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[11] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-piena **ghandha** tizdied minn tal-inqas grad skond Artikolu 31(1)(f) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm tista tizdied b'zewg gradi ukoll. Ghalhekk il- piena ta' multa, meta titla bi grad tkun dik sa tlett xhur prigunerija.

Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Zammit**[13] fejn fir-rigward ta' piena, il-Qorti ppronunciet ruhha b'dan il-mod:

> *Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi skond l-istess Artikolu 7(1) tal-Kap. 260,* ***il-piena applikabbli ghar-reat hija dik ta' multa*** *ta' mhux izjed minn €232.94.* ***Biss skond l-Artikolu 33A(1) tal-Kodici Kriminali, meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat, fil-kaz ta' sejbien ta' htija ghandha tizdied bi grad jew tnejn u l-Qorti hija prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u tal-Att dwar il-Probation.*** *In oltre ai termini tal-Artikolu 33A(2), ghal fini ta' dan l-artikolu, "prigunier" ghandha l-istess tifsira moghtija fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 260 u tinkludi prigunier meqjus li hu mizmum f'habs skont id-disposizzjonijiet talartikolu 3(3) tal-istess Kapitolu.*
>
> *Fil-waqt illi l-Artikolu 2 tal-Kap. 260 jghid illi 'prigunier' tfisser "kull persuna li tkun mizmuma f'xi habs", l-Artikolu 3(3) tal-istess Kapitolu jghid illi "Prigunier jitqies li hu mizmum f'habs filwaqt li jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor …". Huwa evidenti f'dan il-kaz ghalhekk illi la darba wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien qed jingarr lejn il-habs, f'dak il-mument huwa kien prigunier u ghaldaqstant huma applikabbli fil-konfront tieghu, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A(1) tal-Kap. 9.* ***Ai termini tal-Artikolu 31(1)(f), imbaghad, it-tlugh mill-piena tal-multa jsir ghall-prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur.***

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-27 t' April, 2015.

Din il-Qorti tosserva illi dan il-kaz imur lura hames snin u kif jidher mix-xhieda tad-difiza u cioe' l-ufficjal tal-probation Marilyn Attard u Dr. Moses Camilleri mill-Agenzija Sedqa, li t-tnejn li huma ddeponew f' Jannar u Marzu 2021 rispettivament u fejn qalu li l-appellant jidher li ghamel kambjament f'hajtu. Madankollu, minhabba l-applikazzjoni ta' Artikolu 33A ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tinsab b'idejha marbuta u ma tistax ghajr tapplika piena ta' prigunerija. Rat li l-perjodu ta' prigunerija hija lejn il-minimu u ghalhekk tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti stante li hija wahda gusta, fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad l-appell tal-appellant u ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha kemm fejn ma sabitx lill-imputat hati ta' l-addebitu tar-recidiva u lliberatu minnha u kif ukoll fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar (1) prigunerija.

In oltre, din il-Qorti tikkonferma l-ordni moghtija mill-Ewwel Qorti sabiex b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu jhallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' sebgha u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmu (€27.35) bhala spejjez inkorsi mal-hatra ta' espert Dr. Godwin Sammut.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur